MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 268/2012

**GO p.l.c. (C-22334)
Vs
Wanda Maria Gorecka (K.I. 58761A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici, s-somma ta’ elf, mitejn u erba’ ewro u tnax-il centezmu (€1204.12) in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40141276), u li jinkludi telefon 21654050; servizz ta’ televizjoni 1425093266, u servizz ta’ ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 5 ta’ Novembru, 2009; illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis-26 ta' Gunju, 2012 mill-Avukat Keith Grech w l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf, mitejn u erba' ewro u tnax-il centezmu (€1204.12) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------